

RAKKOMANDEZZJONIJIET

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Frar 2010

dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (is-seba' EDF) għas-sena finanzjarja 2008

(2010/101/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Billi

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

(1) Skond l-Artikolu 32(3) tal-Ftehim Intern, il-kwittanza għall-amministrazzjoni finanzjarja tas-seba' EDF trid tingħata lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

Wara li kkunsidra ir-Raba' Konvenzjoni ACP-KEE, iffirmata f'Lomé fil-15 ta' Diċembru 1989 ⁽¹⁾, u emendata mill-Ftehim iffirmit fil-Mawrizju fl-4 ta' Novembru 1995 ⁽²⁾,

(2) L-implimentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni tal-operazzjonijiet tas-seba' EDF matul is-sena finanzjarja 2008 kienet sodisfaċenti,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni tal-ġhajjnuna Komunitarja taħt ir-raba' Konvenzjoni ACP-KEE ⁽³⁾, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim Intern", li jstabbilixxi, fost l-oħrajn, is-seba' Fond Ewropew għall-Iżvilupp (is-seba' EDF) u partikolarment l-Artikolu 32(3) tiegħu,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Parlament Ewropew jagħti lill-Kummissjoni kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tas-seba' EDF għas-sena finanzjarja 2008.

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tad-29 ta' Lulju 1991 applikabbli għall-koperazzjoni fil-finanzjament tal-iżvilupp taħt ir-raba' Konvenzjoni ACP-KEE ⁽⁴⁾, u partikolarment l-Artikoli 69 sa 77 tiegħu,

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Frar 2010.

Wara li eżamina l-kont tad-dħul u tal-infiq u l-karta tal-bilanċ relatati mal-operazzjonijiet tas-seba' EDF kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2008 u r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar is-sena finanzjarja 2008 flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni ⁽⁵⁾,

Għall-Kunsill

Il-President

E. SALGADO

⁽¹⁾ ĠU L 229, 17.8.1991, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 156, 29.5.1998, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 229, 17.8.1991, p. 288.

⁽⁴⁾ ĠU L 266, 21.9.1991, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU C 269, 10.11.2009, p. 257.